**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0082/2020**

22.1.2020

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-Indja
(2020/2519(RSP))

**Shaffaq Mohammed, Petras Auštrevičius, Catherine Bearder, Phil Bennion, Katalin Cseh, Chris Davies, Barbara Ann Gibson, Martin Horwood, Irina Von Wiese**
f'isem il-Grupp Renew

**B9-0082/2020**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-Indja**
**(2020/2519(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Indja,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali,

– wara li kkunsidra l-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordnata u Regolari,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jappartjenu għal Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi tat-18 ta' Diċembru 1992,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Bażiċi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Użu tal-Forza u tal-Armi tan-Nar mill-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi,

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Indja,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, hija wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Unjoni Ewropea fir-relazzjonijiet tagħha mal-Indja;

B. billi l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza tal-Indja (is-CAA) jiffaċilita l-għoti taċ-ċittadinanza Indjana lil xi minoranzi reliġjużi li kienu ħarbu mill-persekuzzjoni f'pajjiżi ġirien, jiġifieri migranti mingħajr dokumenti mill-komunitajiet Ħindu, Sikh, Buddisti, Jain, Parsi jew Insara tal-Afganistan, il-Bangladesh jew il-Pakistan, li daħlu fl-Indja fil-31 ta' Diċembru 2014 jew qabel;

C. billi l-ġustifikazzjoni informali tal-Gvern biex jitħaffef il-proċess tal-għoti taċ-ċittadinanza hi li l-pajjiżi mniżżla fis-CAA huma pajjiżi b'maġġoranza Musulmana fejn hemm aktar ċans li l-minoranzi reliġjużi jiffaċċjaw persekuzzjoni;

D. billi l-Indja tikkonfina mal-Bangladesh, il-Bhutan, il-Myanmar/Burma, in-Nepal, il-Pakistan u s-Sri Lanka; billi t-Tamil tas-Sri Lanka, li jiffurmaw l-akbar grupp ta' rifuġjati fl-Indja u ilhom jgħixu hemm aktar minn tletin sena, madankollu, ma jidħlux fl-ambitu tas-CAA; billi l-liġi teskludi wkoll lill-Musulmani Rohingya mill-Myanmar/Burma, li ġew deskritti minn Amnesty International u min-Nazzjonijiet Uniti bħala l-aktar minoranza ppersegwitata fid-dinja; billi l-liġi l-ġdida tinjora anke s-sitwazzjoni diffiċli tal-Ahmadi fil-Pakistan, il-Musulmani Bihari fil-Bangladesh u l-

Hazara fil-Pakistan, li lkoll huma vittmi ta' persekuzzjoni f'pajjiżhom;

E. billi s-CAA hi ta' natura esplicitament diskriminatorja għax teskludi espressament lill-Musulmani mill-aċċess għad-dispożizzjonijiet li jgawdu minnhom gruppi reliġjużi oħra;

F. billi, skont il-Kostituzzjoni Indjana, l-Indja hija repubblika demokratika sekulari sovrana u, għalhekk, l-inklużjoni tar-reliġjon bħala kriterju għaċ-ċittadinanza hija fundamentalment antikostituzzjonali;

G. billi l-liġi emendata tmur kontra l-Artikolu 14 tal-Kostituzzjoni Indjana, li jiggarantixxi d-dritt għall-ugwaljanza għal kull persuna u jħarishom minn kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon, ir-razza, il-kasta, is-sess jew il-post tat-twelid; billi l-liġi timmina wkoll l-impenn tal-Indja li tirrispetta d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali li l-Indja hija firmatarja tagħhom u li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni fuq bażi razzjali, etnika jew reliġjuża;

H. billi l-migranti kollha, irrispettivament mill-istatus migratorju tagħhom, huma intitolati għar-rispett, il-ħarsien u l-eżerċizzju ta' drittijiethom bħala bnedmin;

I. billi l-adozzjoni tas-CAA pprovokat protesti massivi kontra l-implimentazzjoni tagħha, u 27 persuna ġew irrappurtati mejta, 175 persuna ndarbu u saru eluf ta' arresti; billi l-awtoritajiet għalqu l-aċċess għall-internet, imponew curfews u llimitaw it-trasport pubbliku biex jimpedixxu protesti paċifiċi;

J. billi l-pulizija rreaġixxiet brutalment fl-Indja kollha, u kien hemm rapporti ta' swat, sparaturi u torturi fil-konfront ta' mijiet ta' dimostranti, partikolarment fl-Uttar Pradesh;

K. billi, fil-5 ta' Jannar 2020, il-kampus tal-Università Jawaharlal Nehru, post prominenti għall-protesti studenteski kontra s-CAA u r-Reġistru Nazzjonali taċ-Ċittadini (NRC), safa attakkat minn aggressuri b'wiċċhom mgħammad li darbu aktar minn 20 persuna bejn studenti u għalliema universitarji; billi diversi mezzi tax-xandir u studenti allegaw li l-pulizija raw l-attakk iżda rrifjutaw li jikkontrollaw u jarrestaw lill-aggressuri;

L. billi l-liġi toħloq preċedent perikoluż u tirrappreżenta l-intensifikazzjoni tal-aġenda nazzjonalista Ħindu tal-Gvern;

M. billi kemm il-kontenut tal-liġi kif ukoll il-vjolenza li inkoraġġiet, kemm mill-pulizija kif ukoll minn gruppi li huma favur il-gvern, jikkostitwixxu ksur ċar tad-drittijiet tal-bniedem tar-residenti tal-Indja u tal-pajjiżi ġirien tagħha;

N. billi l-komunità internazzjonali, li tinkludi n-NU, diġà esprimiet tħassib dwar is-CAA u l-vjolenza li segwiet l-implimentazzjoni tal-liġi; billi l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem esprima t-tħassib tiegħu dwar "in-natura fundamentalment diskriminatorja" tas-CAA;

O. billi l-liġi saret fi żmien meta l-Gvern qed jagħmel kampanja favur l-introduzzjoni ta' proċess ta' verifika taċ-ċittadinanza fuq skala nazzjonali (l-NRC); billi d-dikjarazzjonijiet tal-gvern jindikaw li l-għan tal-proċess tal-NRC hu li l-Musulmani

jitneħħewlhom drittijiethom bħala ċittadini filwaqt li jitħarsu d-drittijiet tal-Ħindu u ta' ċittadini oħra li mhumiex Musulmani;

P. billi l-Gvern Indjan mistenni jintroduċi l-NRC, li se tkun qed tiddokumenta ċ-ċittadinanza ta' aktar minn 1,3 biljun persuna fil-pajjiż; billi, reċentement, dan l-eżerċizzju sar fl-Assam u rriżulta fl-esklużjoni ta' aktar minn 1,9 miljun persuna li ngħataw it-tikketta ta' migranti "illegali" u li issa jistgħu jiġu deportati jew jinżammu fiċ-ċentri ta' detenzjoni li għadhom kemm inbnew; billi qed jinbnew ċentri ta' detenzjoni fl-istat ta' Karnataka wkoll;

Q. billi l-Gvern tal-Indja jiċħad li qed jagħmel xi forma ta' diskriminazzjoni, anki jekk l-emendi jfissru li l-proċess tal-NRC jeskludi espliċitament lill-Musulmani;

R. billi l-liġi l-ġdida diffiċli titqies f'iżolament, peress li kemm l-emendi kif ukoll l-NRC jistgħu jċaħħdu lill-minoranzi miċ-ċittadinanza Indjana tagħhom; billi l-Musulmani esklużi mill-NRC huma l-uniċi li se jkollhom diffikultà biex jirbħu l-kawżi tagħhom quddiem tribunali barranin;

S. billi diversi Stati Indjani diġà ħabbru li mhumiex se jimplimentaw il-liġi; billi l-Gvern tal-Kerala, fil-petizzjoni li ressaq quddiem il-Qorti Suprema, irrefera għas-CAA bħala "ksur tan-natura sekulari tal-kostituzzjoni Indjana" u akkuża lill-Gvern li qed jifred lin-nazzjon fuq bażi reliġjuża;

1. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-natura fundamentalment diskriminatorja tas-CAA u jikkundanna l-adozzjoni tagħha; jiddeplora l-fatt li l-Indja inkorporat kriterji reliġjużi fil-politiki tagħha dwar in-naturalizzazzjoni u r-rifuġjati;

2. Jistieden lill-Gvern tal-Indja jidħol minnufih fi djalogu paċifiku ma' diversi sezzjonijiet tal-popolazzjoni u jirrevoka dawn l-emendi diskriminatorji li jiksru l-obbligi internazzjonali tal-Indja li timpedixxi t-tneħħija taċ-ċittadinanza abbażi tar-razza, il-kulur, id-dixxendenza jew l-oriġini nazzjonali jew etnika kif stabbilit fl-ICCPR u fi trattati oħrajn dwar id-drittijiet tal-bniedem;

3. Ifakkar li filwaqt li l-ħarsien tal-gruppi ppersegwitati huwa objettiv ta' min ifaħħru, dan għandu jsir permezz ta' sistema ta' asil nazzjonali robusta li tkun imsejsa fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u li tkun applikabbli għal kull persuna li jkollha bżonn protezzjoni minn persekuzzjoni u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem, mingħajr distinzjoni ta' razza, reliġjon, oriġini nazzjonali jew għal raġunijiet illegali oħra;

4. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-emendi tas-CAA jikkostitwixxu bidla perikoluża fil-mod kif tiġi ddeterminata ċ-ċittadinanza fl-Indja u mistennija joħolqu l-akbar kriżi ta' apolidija fid-dinja u jikkawżaw tbatija kbira fost in-nies;

5. Jinnota li l-Qorti Suprema tal-Indja se teżamina s-CAA u jittama li tikkunsidra bir-reqqa l-kompatibbiltà tal-liġi mal-Kostituzzjoni tal-Indja u mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

6. Jistieden lill-Gvern Indjan jindirizza t-tħassib leġittimu dwar l-NRC, li se jintuża biex jitqiegħdu fil-mira gruppi emarġinati;

7. Itenni li d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika huwa minqux fl-Artikolu 21 tal-ICCPR, li l-Indja hi firmatarja tiegħu;

8. Jikkundanna l-vjolenza u l-brutalità sistematika assoċjati mas-CAA; jistieden lill-awtoritajiet Indjani jtemmu r-repressjoni vjolenti li qed jagħmlu fuq dawk li jikkritikaw il-politiki tagħhom;

9. Jistieden lill-Gvern Indjan jara li l-forzi tas-sigurtà jirrispettaw il-Prinċipji Bażiċi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Użu tal-Forza u tal-Armi tan-Nar mill-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi,

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-President tal-Indja, lill-Gvern Indjan, lill-Prim Ministru tal-Indja u lill-Parlament Indjan.